MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 573/2009/1

**Talba Numru: 573/2009/GMA fl-ismijiet: -**

**Paul Farrugia u martu Grazia Farrugia**

**vs**

**Emanuel u Doris konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-30 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tal-atturi, fejn talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma komplessiva ta' elfejn, seba'*

*mija u tlettax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,713.25) jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata, rapprezentanti in kwantu ghal:*

*(a) Elf tliet mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,368.25) rappresentanti l-ammont dovut mill-intimati ghal hlas ta' appogg tal-intimati mal-hajt divizorju bejn il-fondi tal-kontendenti, kif iccertifikat mill-Perit L. Micallef.*

*(b) Mitejn u tmenin ewro (€280) rappresentanti hsarat fuq il-hajt divizorju.*

*(c) Tlett mija u hamsin (€350) rappresentanti hsarat ikkawzati fuq il-bir tal-mittenti.*

*F'liema zewg kazijiet (b) u (c) – hsarat maghmula minn agir negligenti u traskurat tal-intimati jew nies imqabbda minnhom, kollox kif certifikat mill-Perit L. Micallef tat-13 ta' Marzu, 2009.*

*(d) Mija u ghoxrin ewro (€120) rappresentanti hsarat fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti kif iccertifikat mill-Perit L.Micallef fis-27 ta' Marzu, 2009.*

*(e) Hames mija u hamsa u disghin ewro (€595) spejjez u drittijiet tal-Periti mqabbda mir-rikorrenti in konnessjoni mal-pretensjonijiet avvanzati.*

*Illi l-konvenuti kienu nterpellati sabiex ihallsu dan l-ammont permezz ta' ittra legali tat-12 ta' Frar, 2009 ghal liema ittra baqqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal ghandu jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' elfejn, seba' mija u tlettax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,713.25) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, bl-imghax legali mid-data u bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimati.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi t-talbiet (b), (c), (d) u (e) ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Illi t-talba (a) ghal hlas ta' elf tliet mija tmienja u sttin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,368.25), ghandha tigi milqugha stante li l-konvenuti kienu diga' offrew il-hlas ta' l-appogg u dan meta kienu diga' baghtu l-hlas bir-rata li hadmu huma li ammontat ghal elf mitejn erbgha u sittin ewro u sebgha' u hamsin centezmu (€1,264.57), kif indikat fil-kopja tac-cekk mibghut.*

*Illi minghajr pregudizzju dwar il-hsarat fil-hajt divizorju, l-ammont mitlub huwa esagerat u l-konvenuti lesti li jaghmlu x-xoghlijiet huma stess.*

*Illi dwar drittijiet u spejjez tal-perit ta`l-attur, dawn ghandhom ukoll jigu michuda stante li l-konvenuti kienu lesti dejjem li jhallsu l-appogg u li dina l-procedura saret inutilment.*

*Bl-ispejjez.*

*Ra x-xhieda ta' Darren Farrugia, bin l-attur. Jikkonferma li missieru kien joqghod f'bini fi Triq il-Htajriet, Mosta. Din il-proprjeta' kienet tmiss ma' dik tal-konvenut, li mbaghad meta twaqqghet u tella' blokka flats u xi garaxxijiet, kienu qabbdu lill-Perit L. Micallef sabiex jistabilixxi l-ammont dovut lilhom bhala appogg u kien wasal ghall-ammont ta' elf tliet mija u tmienja u sittin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1, 368.28).*

*Meta kien qed isir it-tqattiegh, bil-jackhammer fis-soqfa tad-dar tal-konvenut, kienet saret hsara fil-proprjeta' tal-attur, izda minkejja li kienu gibda l-attenzjoni tal-konvenut, dan kompla ghaddej bix-xoghlijiet, tant li l-hsarat kienu jammontaw ghal mitejn u tmenin ewro (€280), kif iccertifika l-Perit. L. Micallef.*

*Minhabba l-istess thaffir, kienet saret hsara fil-bir tal-attur u din il-hsara saret peress li ma kenitx inzammet id-distanza ta' sitta u sebghin centezmu (76 cm), mill-hajt, hekk kif titlob il-ligi.*

*Kien hemm ukoll konsenturi fil-hitan u soqfa.*

*Il-faccata kienet ukoll ittebbghet bit-tajn, li kien nixef.*

*Waqt li kienu qed isiru xi xogholijiet bit-tower ladder, kienu laqtu parti mill-gebla tal-gallarija, proprjeta’ tal-atturi u l-Perit Micallef, kien iccertifika dawn il-hsarat fl-ammont ta’ mija u ghoxrin ewro (€120).*

*Meta kienu qed jigu installati l-pajpijiet tad-drenagg tat-terrazzini, kienu twahhlu l-katusi mal-hajt tal-appogg ta’ l-attur, minghajr ma tkahhal warajhom. Konsegwentement, kien dahal hafna ilma fil-proprjeta’ tal-attur.*

*Il-Perit kien iccertifika dawn il-hsarat ukoll.*

*Il-Perit tal-konvenuti, kien mar fuq il-post tal-atturi, qabel ma beda x-xoghol u kien ikkonstata li ma kien hemm ebda hsara.*

*L-ispejjez u d-drittijiet tal-Perit Micallef, kienu jammontaw ghal hames mija u hamsa u disghin ewro (€595).*

*Ra x-xhieda tal-attur, li apparti li kkonferma dak kollu li stqarr ibnu Darren Farrugia, jispjega li hafna mill-hsarat saru minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti u minkejja li kien wissihom kemm-il darba, kienu jinjorawh.*

*Ra x-xhieda tal-Perit Ludovico Micallef, li kkkonferma li kien gie nkarigat mill-atturi sabiex jaghmel stima tal-hsarat li kien sab fil-proprjeta’ tal-atturi, minhabba xi zvilupp adjacenti ghal din il-proprjeta’. Kien gie mitlub ukoll ikejjel l-appogg, kif ukoll jaghmel stima tax-xoghol riparatorju ta’ dawn il-hsarat. B’kollox kien mar tliet darbiet, l-ewwel darba sabiex jikkalkola l-appogg, it-tieni darba sabiex jaghmel valutazzjoni tal-hsarat u t-tielet darba kien mar sabiex jaghti stima tax-xoghlijiet riparatorji li kellhom isiru, peress li kien hemm hsara fil-gallarija.*

*Identifika li kien hemm hsara fit-tikhil u fil-finishes u dan peress li kien dahal xi ilma u kien hemm ukoll konsenturi fil-hajt tal-appogg.*

*Kien hemm hsara ukoll fit-tikhil tal-faccata, kif ukoll fil-bir, li kien qed jitlef l-ilma. F'dak iz-zmien, il-proprjeta' tal-atturi kienet ghada gebel u saqaf, u kien ghadu qed isir it-tikhil u l-kisi.*

*Darba ohra li mar kien irrizultalu li kien hemm problemi fil-gallarija fuq il-faccata, li parti minnha kienet ittajret.*

*Jispjega li l-hsarat li seta' jiddentifika nternament, kienu gew ikkagunati minhabba caqliq fil-bini u minhabba li kien hemm dhul tal-ilma.*

*Rigward l-ammont ta' elf tliet mija tmienja u sittin ewro (€1,368), il-Perit jispjega li dan l-ammont kien jirrapprezenta l-istima tal-hajt tal-appogg.*

*Ra x-xhieda ta' Emanuel Gauci, l-konvenut, li jistqarr li hassu sorpriz b'dina l-kawza u dana peress kien qieghed jipprova jasal ghal ftehim bonarju mal-atturi u dan meta kien talab lill-attur sabiex ihallih jaghmel it-tikhil fuq il-hajt divizjorju bejn il-parapetti taghhom, kif ukoll ihalluh jaghmel l-appogg.*

*Fis-6 ta' Jannar, 2009, l-attur, tramite l-konsulent legali tieghu, kien talab lill-konvenuti ghall-hlas tal-appogg u ghal hsarat li kienet saritilhom. Il-konvenut kien imbaghad irrisponda ghal din l-ittra, fil-21 ta' Jannar 2009 u kien baghat cekk lill-attur fis-somma ta' elf mitejn erbgha u sittin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1,264.57), liema cekk rega' ntbaghat lura mill-attur fit-12 ta' Frar 2009, fejn informa lill-konvenut li ma kienx dispost li jaccetta dan ic-cekk, peress li kien hemm diskrepanza ta' xi mitt ewro (€100) u kien rega' talab ghal hlas tal-hsarat, bla ma indika l-valur ta' dawn il-hsarat.*

*Kien fl-14 ta' Frar 2009, fejn il-konvenut kien issuggerixxa li ghandhom jiltaqghu l-periti rispettivi sabiex jikkwantifikaw id-danni u b'hekk il-konvenut kien dispost li jhallas. Izda, l-attur kien baqa' inadempjenti u qatt ma rrisponda ghal din l-ittra u ghalhekk dina l-kawza m'hi xejn*

*hlief pika da parti tal-attur u ta' dan m'ghandux ibati l-ispejjes.*

*Il-konvenut jikkonferma li l-postijiet tal-atturi, ghadhom gebel u saqaf u ghadhom minghajr aperturi u ilhom hekk ghal tlettax-il sena u ghalhekk l-ilma li jidhol mhuwiex gej minghand il-konvenuti, izda peress li l-bini jinstab miftuh.*

*Ra l-kummenti tal-konvenut fuq ir-rapport tal-Perit tal-atturi.*

*Jikkonferma li x-xoghlijiet kienu saru u ghalhekk, wara l-katusi kien sar it-tikhil, kien hemm l-iskirting mal-appogg u minn taht kien sar l-membrane wkoll.*

*Il-konvenut jiddikjara li hu kien dispost li jhallas l-ammont ta' elf tmien mija u hdax-il ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,811.93) ghas-saldu tal-appogg u hsarat, li jirrapprezentaw elf tliet mija tmienja u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,368.25) ghall-appogg u erba' mija tlieta u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€443.68), spejjez li gew indikati fl-istima ta' Rite Décor.*

*Ighid, li jekk l-attur ma jkunx irid jaccetta, kien dispost li jaghmel dawn ix-xoghlijiet bil-haddiema tieghu, skont l-istima (vide Dok. "EG 8").*

*Ra x-xhieda tal-konvenuta Doris Gauci u din ikkonfermat dak kollu li xehed zewgha l-konvenut.*

*Ra x-xhieda tal-Perit AIC Valerio Schembri, li kkonferma r-rapport ipprezentat minnu fit-23 ta' Novembru 2010.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*(a) Dwar il-talba tal-atturi li jithallsu s-somma ta' elf tliet mija tmienja u sittin Euros u hamsa u ghoxrin centezimu (€1,368.25) rappresentanti l-ammont dovut mill-intimati ghal hlas ta' appogg tal-intimati mal-hajt divizorju bejn il-fondi tal-kontendenti, kif iccertifikat mill-Perit L. Micallef.*

*Il-konvenuti mhumiex qed jikkontestaw il-hlas tal-appogg, kif pretiz mill-atturi, anke meta qabel ma nfethet il-kawza, kienu diga vversaw ammont anqas ghal dan l-appogg, izda li kien gie rrifjutat mill-atturi.*

*Peress li issa ma jidhirx li hemm aktar kontestazzjoni fuq dina l-kwistjoni, dan it-Tribunal, mhux ser jghid xejn izjed.*

*(b) Dwar it-tieni, tielet u r-raba' talba, rigwardanti hsarat li allegatament ikkagunaw il-konvenuti waqt li kienu qed jaghmlu x-xoghlijiet, l-atturi jinsistu li dawn saru minhabba traskuragni u negligenza da parti tal-konvenuti.*

*L-eccezzjoni mressqa mill-konvenuti ghal dawn it-talbiet, hija li l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat u kienu disposti li jaghmlu x-xoghlijiet huma stess.*

*L-atturi ddentifikaw l-hsarat bhala li gew ikkagunati minhabba tqattiegh fis-soqfa tad-dar tal-konvenuti.*

*Kien sar ukoll xoghol ta' thaffir u bhala konsegwenza kien hemm hsara fil-bir, li kienet sehhet minhabba li ma kenitx inzammet id-distanza rikjesta mil-ligi.*

*Kien hemm konsenturi, tajn mal-faccata, kif ukoll ntlaqat gebla tal-gallarija u minhabba li ma kienux gew imkahhla l-katusi mal-hajt tal-appogg, kien dahal l-ilma u ghalhekk kien hermm hsara ukoll.*

*Waqt il-proceduri, l-konvenuti qatt ma nnegaw li kien hemm dawn il-hsarat, izda li kienu qed jikkontestaw, kien l-ammont ta' dawn il-hsarat, kif iccertifika u kkwantifika l-Perit Ludovico Micallef, Perit inkarigat mill-atturi.*

*Kien ghalhekk, li dan it-Tribunal kien inkariga lill-Perit AIC Valerio Schembri sabiex jirrelata dwar il-valur mehtieg sabiex jissewwew il-hsarat li rrizultaw.*

*It-Tribunal, ezamina r-rapport tal-Perit Micallef, kif ukoll tal-Perit Schembri u ghalkemm jidher li hemm xi qbil, partikolarment, ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes sabiex*

*jerga' jitbaqqan parti mill-bir, u jerga' jsir kisi mill-gdid, l-ammont ta' tliet mija u hamsin ewro (€350).*

*Il-Perit Schembri, jinsisti li ma kienx jaqbel mal-Perit Micallef in kwantu jirrigwarda l-istima sabiex tigi rriparata l-gallarija, ghaliex filwaqt li l-Perit Micallef, jinsisti li ghanda tinqala' filata wahda sabiex tinbiddel samrotta wahda, l-Perit Schembri jhoss li din setghet tinbidel internament, minghajr ma tinqala' filata u ghalhemm illimita l-ispejjez ghal erbghin Ewro (€40).*

*Dwar il-qlugh, tbaqqin u kisi, l-Perit Schembri applika rata ta' tmien Ewro (€8) ghal kull metru kwadru li tah ammont ta' mija u sittin Ewro (€160).*

*It-Tribunal, qabbad lill-Perit Valerio Schembri, sabiex ikollu opinjoni mparzjali ta' valur ta' hsarat li kien hemm u ghal finijet ta' gustizzja. Wara li ezamina l-istess rapport it-Tribunal ihoss li ghandu jaddotta l-istess rapport tal-Perit Schembri fl-intier tieghu u dan anke meta sostanzjalment ftit hija d-diskrepanza bejn iz-zewg stimi mhejjija miz-zewg periti tal-partijiet.*

*Dwar l-ahhar talba ghal hlas tal-ispejjez peritali, il-konvenuti qed jopponu ghal dan il-hlas, stante li huma dejjem accettaw li jhallsu l-appogg.*

*Mill-provi prodotti, jirrizulta li kien hemm bona fide da parti tal-konvenuti sabiex ihallsu dan l-appogg u effettivament kienu hallsu ammont ikkalkolat mill-Perit taghhom stess, pero' dan l-ammont ma kienx accettabbli mill-atturi, skont il-kalkolazzjonijiet taghhom.*

*Apparti dan, l-atturi ma kienux inkarigaw lill-Perit Micallef sabiex jikkalkola l-appogg biss, izda sabiex jaghti stima ukoll tal-hsarat li kien hemm u fuq dawn l-ammonti, kif diga' semma' dan it-Tribunal ma kienx hemm qbil.*

*Tenut kont tal-konsiderazzjonjiet li ghamel dan it-Tribunal fir-rigward tal-hsarat u tenut kont li kien hemm tentattivi da parti tal-konvenuti sabiex ihallsu l-appogg, dan it-Tribunal*

*ihoss li jkun gust li l-attur jihallas parti ta' dawn l-ispejjez li hareg ghal Perit Micallef.*

*Ghal dawn l-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi:*

*(a) Jilqa' l-ewwel talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf, tliet mija tmienja u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,368.25) rappresentanti l-ammont dovut mill-intimati ghal hlas ta' appogg tal-intimati mal-hajt divizorju bejn il-fondi tal-kontendenti, kif iccertifikat mill-Perit L. Micallef;*

*(b) Jilqa' t-tieni talba attrici in parti b'dan li jordna li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' mija u sittin ewro (€160) ghall-hsarat li kien hemm fi-hajt divizorju;*

*(c) Jilqa' t-tielet talba attrici u jordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tliet mija u hamsin ewro (€350) rappresentanti hsarat kkawzati fuq il-bir tal-attur;*

*(d) Jilqa' r-raba' talba attrici in parti billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbghin ewro (€40) bhala hsara li giet ikkagunata fil-gallarija;*

*(e) Jilqa' l-hames talba attrici in parti billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tliet mija sitta u disghin ewro (€396) sabiex ikopru l-ispejjez tal-Perit Ludovico Micallef.*

*(f) B'hekk jikkundannna lil-konvenuti ihallas in toto lill-atturi is-somma komplessiva ta' elfejn tlett mija u erbatax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2,314, 25)*

*Bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet skont ir-rebh u telf korrispettiv u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenuti."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Emanuel u Doris konjugi Gauci datat 16 ta' Gunju 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressaq tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellate u dan billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-

eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghall finali trattazzjoni ghas-seduta tal-24 ta’ Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Paul Farrugia u martu Grazia Farrugia dentaturi tal-karta tal-identita` rispettivament bin-numru 159052(M) u 846252(M) datata 24 ta’ Ottubru 2011 a fol 19 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-6 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 30 ta’ Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravvji tal-appellanti huma (1) dak indikat bhala spejjez tal-Perit inkarigat mill-atturi indikat fl-avviz bhala item (e) qatt ma kellu jigi accettat mit-Tribunal ghaliex l-appellanti dejjem kienu lesti li jhallsu ghall-appogg inkluz id-dritt tal-Perit Tekniku; (2) dan iktar u iktar meta t-talbiet attrici kienu esegerati kif indikat fl-istess decizjoni abbazi tar-rapport tal-Perit Valerio Schembri inkarigat mit-Tribunal u ghalhekk il-kont tal-Perit Valerio Schembri ghandu jithallas mill-atturi appellati; (3) dwar kwantifikazzjoni ta’ hsarat li saru fil-bir dawn ma setghux jigu konstati mill-perit imqabbad mill-Qorti ghaliex meta

sar l-access l-bir kien mimli u allura l-hsarat mitluba ma gewx ippruvati u wisq inqas l-ammont taghhom konstatat; (4) dwar il-kont tal-perit dan ma setax jigi milqugh anke ghaliex id-dritt ta’ perit ghall-hlas ta’ appogg kien gja indikat fid-dritt tal-appogg pretiz mill-atturi skont l-item (a) tal-avviz, u dan apparti li l-istimi tal-Perit tal-atturi ma kienux tajba kif iccertifikati mill-Perit Valerio Schembri; (5) ma ghandu jkun hemm ebda interessi ghaliex il-konvenuti dejjem kienu lesti li jhallsu dak minnhom verament dovut; (6) l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-atturi ladarba t-talbiet taghhom ma gewx milqugha fit-totalita’ taghhom.

Illi dwar l-ewwel aggravju dan huwa fl-opinjoni ta’ din il-Qorti bla bazi ghaliex jidher li l-Perit Ludovico Micallef gie inkarigat mill-atturi sabiex johrog kemm il-kont tal-appogg u kif ukoll sabiex jikkonstata l-hsarat li allegatament saru mill-konvenuti, dwar liema ammonti u hsarat attwalment l-konvenuti ma kienux qed jaqblu; mela allura ladarba l-parti kbira tal-ammonti mitluba mill-atturi gew misjuba gustifikati, anke wara n-nomina ta’ Perit mill-Qorti, mela allura huwa sew u gust li parti mid-drittijiet/spejjez tal-perit indikat kellhom jigu sopportati mill-appellanti konvenuti f’din il-kawza. B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju ma hemm l-ebda dubju li l-kont tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti sar ghaliex tali nomina giet resa necessarja minhabba li l-konvenuti u l-atturi ma kienux qed jaqblu u allura t-Tribunal fuq divergenzi teknici kellu necessarjament iqabbad Perit nominandi, u ladarba dan ikkonstata li fil-maggor parti l-istess atturi kellhom ragun, mela allura l-appellanti kellhom jigu wkoll ikkundannati jhallsu dak li gew ikkundannati jhallsu mill-istess Tribunal, kemm ghar-ragunijiet indikati fid-decizjoni tal-istess kif ukoll ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tal-appellati ghal dan l-appell, ghaliex fuq kollox ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri jikkonferma fil-maggor parti tieghu l-istejjem tal-atturi, kif minnhom proposti hlief ghall-ammonti minimi, kif jidher mill-istess rapporti u mid-decizjoni stess u ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tielet aggravju jidher li l-istess Tribunal fuq materja teknika qaghad fuq dak ikkonstat mill-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti, li kien naturalment imparzjali, u fuq il-lamentela tal-appellanti odjerna dwar il-bir, hemm spjegazzjoni sew fl-istess rapport minnu mahluf fis-6 ta' Dicembru 2010 (fol. 69) u wkoll fl-eskussjoni tieghu datata 5 ta' April 2011 (fol. 88). Mela allura din il-konkluzjoni hija bbazata fuq dak li gie ritenut fil-kawzi fl-ismijiet **"Joe Agius et vs The Qormi Construction Co. Ltd"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Marzu 2011) u **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fejn inghad li l-principju li ghandu jigi applikat bhala norma u dak li gja gie uzat diversi drabi minn dawn il-Qrati nkluz fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) huwa dak li:-

*"Ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001; **"Emanuel Attard vs George Tedesco et"** – A.C. – 1 ta' Gunju 2007; **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Prof. John Mamo et"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Dicembru 2008).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-Perit Tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti*

*interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".* Ovvjament f'dan il-kaz hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rapport tekniku tal-Perit Valerio Schmebri huwa ben motivat u fuq kollox indipendenti u integrali u ghalhekk ghandu jigi segwit.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li anke abbazi ta' diversi insenjamenti ta' dawn il-Qrati f'materji ta' perizji teknici, din il-Qorti thoss li fl-interess tal-gustizzja u tal-istess partijiet hija ghandha ssegwi l-konkluzjoni tal-espert tekniku inkarigat minnha u dawn l-insenjamenti gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza fl-ismijiet **"Bank of Valletta Ltd. vs A.I.C. Victor Bigeni et"** (A.C. – 1 ta' Frar 2008). Dan aktar u aktar meta ma saritx talba ghan-nomina ta' periti perizjuri (**"Emanuel Attard vs George Tedesco et"** – A.C. – 1 ta' Gunju 2007; u **"Victoria Sacco vs Emanuel Sacco"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Mejju 2005).

Illi dan apparti l-fatt li f'materja ta' diskrezzjoni fl-apprezzament ta' provi din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-Ewwel Qorti jew Tribunal hlief jekk dan ikun manifestament hazin jew ghal xi motiv iehor gravi (**"Carmelo sive Charles Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana"** A.C – 27 ta' Marzu 2009; u **"Pierre Borg et vs Blye Engineering Co. Ltd"** (A.I.C. (JF) – 30 ta' Settembru 2002). B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar ir-raba' aggravju dan fil-fatt huwa ripetizzjoni hija kwazi ripetizzjoni tal-ewwel aggravju u xorta jibqa' l-fatt li ghalkemm il-konvenuti appellanti offrew li jhallsu l-ammont minnhom offrut kien inqas minn dak rikjamat mill-atturi u wkoll inqas minn dak likwidat f'din il-kawza; b'hekk il-kont tal-Perit anke dwar l-appogg qatt in verita' ma gie mhallas mill-konvenuti. B'hekk anke dan l-aggravju ghar-ragunijiet hawn indikati u wkoll ghal dawk indikati fir-risposta tal-appell tal-appellati (fol. 23/24) qed jigi wkoll michud.

Illi dwar il-hames aggravju jinghad li d-decizjoni jidher li sostniet li l-imghax ghandu jiddekorri kif mitlub, u din il-Qorti tinnota li ma hemmx data u allura dan ghandu jiddekori mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u dan certament li huwa konformi mal-ligi u mal-gurisprudenza konstanti. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk michud.

Illi dwar is-sitt aggravju jidher li l-ispejjez gew spartiti sew skont ir-rebh u t-telf u certament li l-istess spejjez ma ghandhomx jigu sopportati mill-atturi appellati kif qed jigi sugerrit mill-appellanti. B'hekk dan l-ahhar aggravju qed jigi michud. Ghalhekk l-appell kollu qed jigi rigettat u s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellati datata 24 ta' Ottubru 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 16 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 30 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet "Paul Farrugia et vs Emanuel Gauci et" (Talba Numru 573/09 GMA) ghall- finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti Emanuel u Doris Gauci.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------